**Prim’Awla tal-Qorti Ċivili**

**Onor. Imħallef Mark Simiana, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 678/2023 MS*

**BNF Bank plc ġja Banif Bank (Malta) plc**

**Vs.**

**Christopher Scerri u Damaris Borg**

Illum, 23 ta’ Jannar, 2024

Kawża Numru: 26

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fit-28 ta’ Ġunju 2023, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet kif ġej:

> Illi l-kumpannija esponenti hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta’ Malta biex fost l-oħrajn, issellef flus lill-klijenti tagħha;
>
> Illi l-intimati huma klijenti tal-kumpannija esponenti u ħadu minn għandha Equity Release Loan għas-somma ta’ ħamsa u għoxrin elf u ħames mitt Euro (€25,500) u Home Loan għas-somma ta’ mija u sitta u għoxrin elf Euro (€126,000), konċessi permezz tal-Credit Agreement datat 20 t’April 2016 (ara Dok. ‘A’) u l-Kuntratt Pubbliku in atti tan-Nutar Dr Anthony Abela tal-4 t’Ottubru 2016 (ara Dok. ‘B’);

Illi l-intimati naqsu milli jħallsu lura s-self u konsegwentement, id-dejn fuqu hu kif ġej:

•kwantu l- Equity Release Loan, l-ammont ta' sitta u għoxrin elf u erbgħa u għoxrin Euro u ħdax -il ċenteżmu (€26,024.11), dovut fuq Account numru 498548 70 001, bl-imgħaxijiet inklużi t'elfejn u erba' mija u erbgħa u disgħin Euro u ħdax -il ċenteżmu (€2,494.11), maħduma sas-16 ta' Ġunju 2023 (ara Dok. 'C'), u

•kwantu l-Home Loan, l-ammont ta' mija u sebgħa u għoxrin elf u mija u tletin Euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€127,130.76), dovut fuq Account numru 498548 71 001, bl-imgħaxijiet inklużi ta' disat elef u erba' mija u ħamsin Euro u tnax -il ċenteżmu (€9,450.12), maħduma sas-16 ta' Ġunju 2023 (ara Dok. 'D');

Illi l-intimati għandhom mal-kumpannija esponenti, żewġ Covid Moratorium Accounts relattivi għall-Kontijiet fuq imsemmija, mitluba minnhom (ara Dok. 'E') u li fuqhom għandhom ukoll bilanċi pendenti u dan kif ġej:

•ħames mija u sebat Euro u erbatax -il ċenteżmu (€507.14), dovuti fuq Account numru 498548 10 002 (ara Dok. 'F'), u

•elf u disa' mija u tnejn u għoxrin Euro u sitta u tmenin ċenteżmu (€1,922.86), dovuti fuq Account numru 498548 10 003 (ara Dok. 'G');

Illi in oltre, l-intimati għandhom mal-kumpannija esponenti, Current Account numru 498548 10 001 (ara Dok. 'H') u fuq dan il-Kont, hemm dovut l-ammont t'elfejn u tmienja u sittin Euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€2,068.97) fi spejjeż Bankarji varji konnessi mal-faċilitajiet Bankarji fuq imsemmija u dan l-ammont jinkludi mgħaxxijiet ta' disat Euro u ħmistax -il ċenteżmu (€9.15), maħduma sas-16 ta' Ġunju 2023 (ara Dok. 'I');

Illi in vista tas-suespost, it-total dovut hu ta' mija u sebgħa u ħamsin elf u sitt mija u tlieta u ħamsin Euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€157,653.84);

Illi d-dejn fuq imsemmi, sar dovut fl-intier tiegħu mill-intimati lill-kumpannija esponenti, kwantu l- Equity Release Loan u l-Home Loan fuq imsemmija, ai termini ta' klawsola 15 tal-Credit Agreement markat Dok. 'A' u ġja` msemmi, stante li kif qed tistipula din l-istess klawsola, seħħew waħda jew aktar mill-Events of Default

imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment, iżda mhux esklussivament:

"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,
b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,
k. In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs,
n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";

Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-intimati diversi drabi biex iħallsuha d-dejn, fosthom permezz ta' żewġ ittri legali datati ilkoll 28 ta' Settembru 2021 (ara Dok. 'J' u Dok. 'K') u ittra uffiċjali numru 3277 /2022 datata 3 t'Awissu 2022 u preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'L'), iżda dawn baqgħu inadempjenti;

Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa ċert, likwidu u dovut u l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;

Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

ipproċediet biex titlob lil din il-qorti:

1. taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u

2. tiddikjara li l-intimati huma solidalment bejnietom, debituri tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €157,653.84; u

3. tikkundanna lill-intimati solidalment bejnietom, iħallsu lill-kumpannija esponenti l-ammont ta' €157,653.84,

bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mis-16 ta' Ġunju 2023 sad-data tal-pagament effettiv, u aktar preċiżament kif ġej:

•bir-rata ta' tmienja punt sebgħa ħamsa fil-mija (8.75%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq l-Equity Release Loan fuq imsemmiha (Account numru 498548 70 001); u bir-rata ta' sebgħa punt erbgħa ħamsa fil-mija (7.45%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Home Loan fuq imsemmiha (Account numru 498548 71 001) u dan kollu skond kif stipulat fi klawsoli 6 u 15 tal-Credit Agreement u fil-Kuntratt Pubbliku markati rispettivament Dok. 'A' u Dok. 'B'; u msemmija aktar 'l fuq, u

•bir-rata ta' għaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi (Account numru 498548 10 001),u dan skond kif stipulat fit-Tariff of Charges relattiva għal dan il-Kont u markata Dok. 'M' (ara markar bl-aħdar fuq Dok. 'M')

2. Rat id-dokumenti li ġew eżebiti mal-istess rikors ġuramentat;

3. Rat illi l-konvenuti, debitament notifikati bl-istess rikors ġuramentat, fl-udjenza tal-11 ta' Jannar, 2024, ippreżentaw kull wieħed nota li biha ammettew it-talbiet tal-attriċi, b'dan li fin-nota tagħha, l-konvenuta talbet li din il-qorti tikkonsidra li takkolla l-ispejjeż kollha ta' din il-kawża lill-konvenut l-ieħor;

4. Rat li l-kawża, li saret bil-proċedura sommarja speċjali, tħalliet għal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

5. Illi kif diġà ġie aċċennat, il-konvenuti preżentaw kull wieħed nota t'ammissjoni, li biha ammettew it-talbiet tal-attriċi, kif dedotti. Madanakollu, fin-nota tagħha, l-konvenuta żiedet li qed «*…titlob sabiex ikun hemm konsiderazzjoni fuq l-ispejjeż sabiex tiġi meħlusa milli tħallas u dawn jiġu sopportati in toto mill-intimat Christopher Scerri*».

6. Illi l-qorti tqis illi din it-talba tal-konvenuta ma tistax issir flimkien ma' nota t'ammissjoni, in kwantu bl-ammissjoni hija qiegħda taċċetta li t-talbiet tal-attriċi jiġu milqugħin «*kif dedotti*». Il-qorti ma jidhrilix li din it-talba tal-konvenuta tista' titqies bħala kondizzjoni tal-ammissjoni tagħha, billi dik l-ammissjoni ma ġietx magħmula dipendenti fuq l-eżitu tat-talba tagħha dwar l-ispejjeż. La darba allura l-ammissjoni

tagħha hija bla kondizzjoni, mela allura jsegwi li l-qorti għandha tipproċedi abbażi tagħha.

7. Illi huwa sewwa miżmum li l-ammissjoni hija, f'kull proċess ġudizzjarju, r-reġina tal-provi, anki jekk ġie deċiż li b'daqshekk però ma jfissirx illi l-qorti hija kostretta li tilqa' t-talbiet attriċi fejn dawn ikunu infondati b'mod evidenti (ara ***Giuseppe Azzopardi vs. Giovanni Azzopardi***, Prim'Awla, 30/4/1878)[1].

8. Illi din il-qorti eżaminat ir-rikors ġuramentat u d-dokumenti annessi miegħu, u qieset li dawn ilkoll, flimkien mal-ammissjoni tal-konvenuti, isostnu t-talbiet attriċi. Hekk ukoll, it-talba tal-attriċi għall-imgħaxijiet, anki jekk uħud minnhom jiżbqu r-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena, jidhru ġustifikati abbażi tal-artikolu 1855A tal-Kodiċi Ċivili u tar-regolament 5 tal-Avviż Legali 142/2009 (ara wkoll fir-rigward id-deċiżjoni ***HSBC Bank Malta plc vs. Tal-Barrani Company Limited et***, Appell Superjuri, 28/1/2021).

9. Fir-rigward tal-ispejjeż, dawn ukoll għandhom jiġu sopportati mill-konvenuti solidalment bejniethom. It-talba tal-konvenuta dwar l-ispejjeż ma tista' qatt tiġi milqugħa. Dan kemm għaliex, ritwalment, din it-talba kellha fil-verità ssir bil-mezz ta' eċċezzjoni, u kif ukoll għaliex fil-konfront tal-kreditur, id-debituri huma solidalment responsabbli għad-dejn kollu. Huwa biss fir-relazzjonijiet interni ta' bejniethom li jista' jiġi diskuss it-tqassim tad-debitu.

10. Għal dawn ir-raġunijiet kollha l-qorti qiegħda taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba billi ma tibqax neċessarja fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenuti;

(ii) tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenuti huma solidalment bejniethom debituri tal-attriċi fis-somma ta' mija sebgħa u ħamsin elf sitt mija tlieta u ħamsin Ewro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€157,653.84);

[1] Kollezz. Vol.VIII.501. Għalkemm jingħad li sar appell minn din is-sentenza, id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ma jidhirx li ġiet pubblikata.

(iii) tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' €157,653.84;

(iv) tikkundanna wkoll lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu l-ispejjeż tal-kawża u l-imgħaxijiet kif mitluba.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur